

32007R0269

L 75/6

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

15.3.2007

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 269/2007**ta' l-14 ta' Marzu 2007****dwar il-ħruġ tal-liċenzji għall-importazzjoni ta' ċertu frott taċ-ċitru preparat jew priservat (jiġifieri mandolin, eċċ.) fil-perjodu mill-11 ta' April 2007 sat-8 ta' Novembru 2007**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Billi:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

(1) Il-kwantitajiet li tressqu applikazzjonijiet tal-liċenzja għalihom minn importaturi tradizzjonali u minn importaturi ġodda skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 658/2004 jaqbu l-kwantitajiet disponibbli għal prodotti li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (PRC);

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3285/94 tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 518/94 ⁽¹⁾,

(2) Issa jinħtieġ li għal kull kategorija ta' importatur, tiġi stipulata l-proporzjon tal-kwantità li qiegħda tintalab li tista' tiġi importata taħt il-liċenzja,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 519/94 tas-7 ta' Marzu 1994 dwar regoli komuni għal importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi u li jirrevoka r-Regolamenti (KEE) Nru 1765/82, (KEE) Nru 1766/82 u (KEE) Nru 3420/83 ⁽²⁾,

Artikolu 1

Liċenzji ta' importazzjonijiet li ntalbu taħt l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 658/2004, għandhom jinħarġu b'rati ta' persentaġġ tal-kwantitajiet applikati kif stipulati fl-Anness ta' hawnhekk.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 658/2004 tas-7 ta' April 2004 li jimponi miżuri ta' salvagwardja definittivi kontra l-importazzjoni ta' ċertu frott taċ-ċitru preparat jew priservat (jiġifieri mandolin, eċċ.) ⁽³⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tiegħu,

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-11 ta' April 2007 u għandu japplika sat-8 ta' Novembru 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Marzu 2007.

Għall-Kummissjoni
Peter MANDELSON
Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 349, 31.12.1994, p. 53. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/2004 (ĠU L 374, 22.12.2004, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 67, 10.3.1994, p. 89. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 427/2003 (ĠU L 65, 8.3.2003, p. 1).

⁽³⁾ ĠU L 104, 8.4.2004, p. 67.

ANNEX

L-oriġini tal-prodotti	Allokazzjonijiet ta' Persentaġġi	
	Ir-Repubblika Popolari ta' Ċina	Pajjiżi terzi oħra
— importaturi tradizzjonali (L-Artikolu 2(d) tar-Regolament (KE) Nru 658/2004)	27,884 %	N/A
— importaturi oħra (L-Artikolu 2(f) tar-Regolament (KE) Nru 658/2004)	3,898 %	N/A